MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Numru 1065/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Ali Abdullah Mizughi Midad ta' 31 sena, ta' nazzjonalita Libjana, imwieled Tripoli fl-10/05/1975, iben Abdullah u Salma u detentur ta' numru tal-passaport mhux maghruf.**

**ILLUM IT-TLIETA 10 TA' OTTUBRU, 2006.**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra Ali Abdullah Mizughi Midad talli fid-9 ta' Ottubru, 2006, fil-kumpless ta' detenzjoni gewwa Ta' Kandja, Malta:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor mobbli u mmobbli fuq proprjeta' liema hsara tammonta ghal madwar Lm170 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
2. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u l-bon ordni;
3. Akkuzat ukoll talli sar recidiv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat A. Mizzi LL.D) datata 08//02/2002 ghal xahar prigunerija, u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D) datata 19/08/2003 ghal sitt xhur prigunerija, kif ukoll b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. M. Hayman LL.D) datata 14 ta' Ottubru, 2005 ghal sena prigunerija, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi ghad m'ghandiex il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Izda wara li rat illi l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja u ammetta l-imputazzjonijiet u anke kompla jistqarr illi huwa qed jammetti l-imputazzjonijiet wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed sabiex jirrifletti fuq id-dikjarazzjoni li ghamel, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza skond il-Kodici Kriminali.

Konsegwentement fuq ammissjoni u wara li rat l-Art.325 (b), 388 (dd) u 49 tal-Kap. 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tiddikjara illi t-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni u wara hadet in konsiderazzjoni ukoll tas-sentenzi fil-konfront tieghu tat-8 ta' Frar, 2002, tad-19 ta' Awissu, 2003, tal-14 ta' Ottubru, 2005, issib lill-imputat huwa ukoll recediv u ghalhekk tikkundannah fuq l-ewwel (1) imputazzjoni li fiha tassorbixxi t-tieni (2) imputazzjoni l-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------